# **It-Terremot tal-21 ta' Marzu, 1972**

minn Carmen Azzopardi

Dik il-lejla kienet pjuttost aktar sħuna għax xahar ta' Marzu. Konna għadna kif dħalna norqdu wara li spiċċajna naraw film ta' John Wayne fuq stazzjon Taljan fuq it-televiżjoni. Missieri kien jgħidilhom "tat-Trab" il-films tal-Indjani u l-*Cowboys,* u meta kien ikun hemm xi film *western* konna lkoll ninxteħtu fuq is-sufan tar-rexin narawh.

Kienu għall-ħabta tal-ħdax u ftit minuti u ma kontx għadni dħalt fid-dinja tal-ħolm sew x'ħin is-sodda bdiet titriegħed u ħassejtni qisni għamilt ħafna tidwir, dawra tond. Kont qed nikkontempla jekk hux qed noħlom, x'ħin nisma' lil ommi tħanġar biex inqumu niġru għax sar terremot. Dlonk iżżerżaqt niġri minn ġol-friex, ilbist malajr u nżilt it-taraġ tlieta tlieta bħas-soltu meta nqum tard.

Ommi kienet qiegħda ddeffes xi affarijiet ġo basket u missieri kien qiegħed iqajjem liż-żewġ ħuti żgħar u jlibbishom ħwejjeġ sħan. Il-bieb ta' barra kien miftuħ beraħ u stajt nara l-ġirien kollha fit-triq iparlaw u jħarsu 'l fuq. Għalfejn kienu qed jħarsu 'l fuq ma nafx għax terremot min-naħa ta' isfel tal-art jiġi mhux mis-sema, u ma kien hemm l-ebda bini mwaqqa'. Marinton kienet għada bil-piġama bl-istrixxi blu u b'xagħra griż xott, maħlul u mdendel wara dahra. Kienet qisha xi ħadd li ħarab mill-ħabs, u bdiet tgħajjat "Qumu iġru – Mikiel mur ġib it-trakk." Is-Sinjura Mari wkoll kienet barra trekken il-kelba tal-But ma' sidirha mdendel sa qaddha. Kienet imwerwra u bdiet tibki. Kelina l-ġara l-oħra, li kien fiha daqs ġolf, ħatfitilha l-kelba u qaltilha "Mur ilbes il-kruppett Mari. Iġri ħa mmorru ma' Kieli!"

Sadanittant jien u l-familja tiegħi konna barra ukoll. Missieri tefa d-dawl mill-*main* u sakkar il-bieb. Ħija ż-żgħir ra l-kelba tas-Sinjura Mari u beda jibki għax ried l-għasfur li kellu fil-gaġġa, imma ommi qaltlu li dak mhux ser jiġrilu xejn,

għax kien ġol-bitħa. Jien ħsibt fil-qattusa wkoll imma dik kellha sebat erwieħ u minn x'imkien kienet toħroġ żgur jekk jaqa' l-bini.

Sakemm marru jġibu t-trakk tal-ġebel ta' Mikiel u l-vann b'wara miftuħ ta' Żaren, kollha kemm aħna nġbarna fil-kantuniera. Dun Spir kien qiegħed jittawwal mill-bieb ta' barra tiegħu. Kien liebes libsa tal-franella li żmien ilu kienet bajda imma issa kienet kważi safra bl-użu u bil-ħasil. Kienet twila sal-art u tinqafel bħas-suttana li kien jilbes matul il-ġurnata. F'rasu kellu kappa bħal ma jilbes l-Isqof, imma minflok vjola kienet bħal libsa ta' fuqu mitfija fil-kulur u antika. F'saqajh kien jispikka papoċċ kannella mqatta' b'subgħajh iż-żgħir barra għall-arja. Kelina widbitu biex jgħaġġel u jiġi, u hu ħares lejha ċċassat u mbagħad għolla l-ispanjuletta tal-bieb, għalaq b'sabta l-bieb u sparixxa ġewwa.

Iż-żewġ trakkijiet ġew malajr kieku, imma biex tlajna kien hemm konfużjoni sħiħa għax wara tat-trakkijiet kien għoli u ħafna min-nisa xjuħ ma setgħux jitilgħu. Ċilja kien ħa jħossha ħass ħażin meta għolliet saqajha biex tittla' u bbieset qisha stanga. Ġannmari beda jimbuttaha mill-warrani tagħha. Malajr ġiet f'sikkitha għax qaltlu "Neħħi idejk minn hemm" u b'ħeffa kbira ċapċpitlu daqqa ġo wiċċu bil-pala ta' idejha. Rożi u Kelina qabduha minn dirgħajha u ppruvaw jgħolluha iżda għalxejn, kienet tqila daqs xkora patata mill-kbar. Imbagħad xi ħadd mar ġab forċi żgħir u bl-għajnuna ta' ħafna idejn irnexxielna ntellgħu lix-xjuħ kollha. Dun Spir għolla s-suttana li kien libes sa issa u tela' l-iskaluni qishu mhux hu, però bil-fixla nesa jilbes iż-żarbun u kien għadu bil-papoċċ mqatta'. Issa ma kienx hemm ħin jerġa' jmur ibiddlu.

Kien hemm xi ġirien li kellhom xi klieb li matul il-ġurnata kienu jkunu jiġru barra, imma bil-lejl kienu jdaħħluhom ġewwa. Għalhekk ħarġuhom mid-djar biex jiġu magħna. Konna kollha mgħaffġin fuq xulxin. Ix-xjuħ bilqiegħda fuq il-knaten tal-ġebel żammew fuqhom it-tfal. L-irġiel qagħdu b'saqajhom mdendla fuq it-truf ta' wara tat-trakk u l-vann, u l-klieb lestew ruħhom biex jiġru warajna. Fl-aħħar

tlaqna – għal Tas-Silġ kienet id-destinazzjoni għax li mmorru Marsaxlokk ma ntgħoġbitx l-idea. Xi ħadd qal li bit-terremot jista' jitla l-baħar għalina.

Jiena kont bilqiegħda fuq ommi b'ħija ż-żgħir fuqi u ma stajtx nifhem il-għala dan il-ġenn meta t-terremot kien diġà sar u sa issa kienet għaddiet nofs siegħa żgur, imma għalaqt ħalqi u qagħad nħares lejn il-klieb jiġru wara t-trakk. Is-sinjura Mari kienet għada tnewwaħ għax qalet li ħa mmutu żgur. Il-kelba kienet defsitha ġol-ġersi mgħaffġa ma' sidirha. Naħseb li kieku nfetħet l-art u waqgħajna jew ħbatna l-kelba kienet ssalva żgur f'dak il-post taħt il-ġersi.

Kullħadd beda jitkellem f'daqqa, jirrakkontaw x'ħassew fit-terremot jgħaġbuha kemm jifilħu biex ifissru dak li raw u li ħassew. Marinton qalet li l-vetrina bdiet tiċċaqlaq u l-mejda resqet in-naħa l-oħra. Jien tbissimt għax dik il-mejda żlugata li kellha anki meta tgħaddi minn magħha kienet tiċċaqlaq. Żeppi qal li taħt is-sodda l-awrinar kien mimli u ta' ġo fih beda jiċċaqlaq bħall-mewġ. Marinton qalet li anki l-ilma ta' ġot-tazza bid-dentatura tagħha ġo fiha beda jbewwex l' hemm u l' hawn, u jien beda tiela' l-istonku u ppruvajt nħares profondament lejn it-triq mudlama.

Il-fjuri sofor tal-ħaxixa Ingliża fil-ġnub tat-triq kienu jlellxu bid-dawl qawwi tat-trakk qishom stilel mal-art u stajt indawwar ħsiebi malajr minn fuq li kienu qed jgħidu Żeppi u Marinton. Minbarra hekk il-pal tas-siġar tal-bajtar imxebilkin għal fuq il-ħitan tas-sejjieħ tat-triq kienu qishom fatati b'idejhom miftuħin. L-irziezet b'twieqi żgħar bla ħġieġ kienu mudlama qishom djar mitluqa' tas-sħaħar. Ħallejt l-imaġinazzjoni tiġri bijja – aħjar milli nisma' l-qrid u r-rakkonti ddettaljati tan-nies ta' madwari fuq it-trakk.

Inżilna t-triq ta' Xrobb l-Għaġin bid-dawl tat-trakk u l-vann b'dawl qawwi u lmaħħna li ħafna nies mit-toroq oħra taż-Żejtun kienu bħalna sabu rikba u sejrin fl-istess destinazzjoni. Kien hemm minn kien miexi ukoll  u aħna waqafna u tellajnihom mgħaffġin magħna. Żeppi l-Bloqq kien għaddej bil-ħmara b'ħafna

mit-tfal tiegħu rikbin fuq xkejjer fuq il-karrettun. Il-ħmara bil-kemm kienet qed tiċċaqlaq bit-toqol, probabbli kienet għadha nofsha rieqda apparti t-tagħbija żejda li kellha bit-tfal ukoll. Dawn kienu kollha bil-piġama u bdew ixejrullna u jgħajjtu: "Ejja ħa mmorru Nann."

Wasalna ħdejn Tas-Silġ u kienet aktar problema issa biex iniżżlu lin-nisa xjuħ minn fuq it-trakk għax bil-ġenn il-forċi (sellum) kienu nsewh fir-rokna tat-triq minħabba d-dlam.  Għalxejn l-irġiel ippruvaw jipperswadu lil Kelina, Marinton, Ċilja u s-Sinjura Mari biex jippruvaw jinżlu – dawn tgeddsu ma' xulxin taħt żewġ kutri li xi ħadd kien ftakar biex iġib u ma ridux jiċċaqalqu. Sorġew fuq iż- żewġ knaten tal-ġebel li kien hemm ġot-trakk u ngħidu x'ngħidu minn hemm ma tħarkux. Jien ħarist lejn il-kunvent tal-patrijiet ta' Tas-Silġ imma ma kien hemm imkien miftuħ jew b'xi dawl. Il-patrijiet tgħid ma ħassew xejn?    Ħadd ma ried imur iħabtilhom biex iġibu sellum.

Min seta' jinżel niżel u nġbarna ħdejn ħajt baxx tas-sejjieħ fil-bidu ta' sqaq żgħir imħarbat li minnu kont tista' tmur sa'  Xrobb  l-Għaġin. Ommi ħarġet, minn ġo basket żgħir taċ-ċarruta, pakkett gallettini u qasmitu lit-tfal u lill-ħuti ż-żgħar u dawn qagħdu bilqiegħda fuq il-ġebel igerrmu. Missieri u l-irġiel l-oħra serrħu mal-ħitan u qagħdu jitkellmu bil-mod.  Kulħadd jistenna u jistenna iżda donnu li kellu jiġri kien għadda.

Marinton b'leħen għoli li naħseb instema minn Marsaxlokk, bdiet tgħid ir-Rużarju fuq kuruna sewda u msewwija minn ħafna bnadi, u Dun Spir mar jippassiġġa viċin tal-knisja ta' Tas-Silġ. "Tgħid ħa jħabtilhom għal xi kikkra kafè?" staqsa Żaren. Kullħadd infaqa' jidħaq, u Ċilja bdiet tgħajjat li għarukaża li qed nidħku waqt ir-Rużarju u li ħasra li Dun Spir bewwex l' hemm għax kienet lesta tugżana biex jikkoreġina hu. Miskin Dun Spir, kif kien jisstaportihom ma nafx jien. Kellu mitt paċenzja u grazzja kbira mis-sema'.

Waslu aktar nies miż-Żejtun u minn Marsaxlokk u r-Rużarju ntesa u reġgħu bdew ir-rakkonti ta' x'kienu ħassew waqt it-terremot, u kemm ħġieġ inkiser u kemm siġġijiet u vetrini iċaqalqu. Xi ħadd kien ġab xi ħobż u qassmuh bejniethom, kulħadd imeċlaq, qishom qegħdin fuq ix-xalata ta' San Girgor, mhux fid-diżastru tat-terremot. X'diżastru hu għidt bejni u bejn ruħi, imma iż-Żwieten dejjem kienu ejja ħa mmorru, allura stennejt li mhux ser jagħmluha ħafna b'kbira xi ħaġa bħal din ħlief ix-xjuħ ta' fuq it-trakk.

Fl-aħħar wara xi siegħa u nofs missieri qabżitlu naħseb għax għajjat "Immorru d-dar jew?" U kulħadd resaq lejn it-trakk u l-vann biex nirkbu u mmorru lura. Xejn ma kien ġara – is-sema skur kien u skur baqa'. Ir-riħ frisk kien u frisk baqa'. L-ebda xquq ma feġġu ġol-art u l-kunvent tal-Patrijiet magħluq kien u magħluq baqa'.

Ir-rikba lura kienet aktar pożittiva u qasira. Kulħadd anzjuż biex jaqbeż lura ġos-sodda u l-klieb reġgħu ġew lura jiġru warajna, b'biċċa minnhom anki qabilna. Ftakruha t-triq lura lejn ir-raħal. Il-kelba tas-Sinjura Mari kienet raqdet qalb is-sider ta' sidha – ma ċċaqalqetx sekonda. Ċilja bdiet tonħor rasha mdendla fuq spalla ta' Kelina.

Kulħadd niżel mit-trakk u l-vann minn fuq l-iskaluni tal-forċi, li sibnieh jistenniena fil-kantuniera tal-Ħerba. Dun Spir tagħna l-barka, forsi għax veru konna ħlissniha ħafif u kaxkar lejn il-bieb tad-dar tiegħu u reġa' sparixxa. U jien ħarist lejn ommi u staqsejtha "Ma, għada jien ħa mmur skola?" "Ma tarax!" qaltli serja, "U jekk jerġa' jkun hemm xi theżżiża oħra x'nagħmlu?" Niżżilt wiċċi l' isfel u ħadt nifs ferrieħi – ġrejt biex nerġa nidħol ġos-sodda. "Viva t-terremot." għidt lili nnifsi filwaqt li għalaqt għajnejja u tgeddist ġol-friex tas-sodda li ma kienetx iċċaqalqet xejn minn xħin tlaqtha.

L-għada filgħodu, tard sintendi, ommi qaltli li semgħet fuq l-aħbarijiet li t-terremot inħass sew f'Malta fil-11:06 ta' filgħaxija u kien ta' 4.5 fuq l-iskala

Richter. Ħafna Maltin ma’ Malta kollha, bħalna, ħarġu minn darhom u marru f’postijiet miftuħa bħal Ta’ Qali u qalb l-għelieqi. Ommi qaltli li kienet ilha ma tinħass theżżiża kbira mit-18 ta’ Settembru tal-1923 meta kien għamel terremot u l-aktar li nħass kien ħdejn il-Port il-Kbir, il-Belt. Jien xrobt il-kafè bil-kalma u bdejt nipprinċipja kif ser ngħaddi l-ġurnata għal qalbi, mingħajr lezzjonijiet tal-iskola, u kont ċerta li l-binja tal-iskola ma kienet sofriet l-ebda ħsara jew tiġrif.